**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 t'April 2023**

Rikors Numru: 47/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 934/2004)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom nhar it-tnax (12) ta' Gunju 2004 ġewwa l-Paroċċa ta' San Guzepp Il-Imsida (hekk kif indikat fiċ-ċertifikat taż- żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument A), u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, D B nhar il-ħamsa (5) ta' April 2008 u E B nhar l- erbatax (14) ta' Diċembru 2012, li għadhom minorenni (ċertifikati tat-twelid annessi u mmarkati bħala Dokument B u Dokument C rispettivament).

2. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2020, fl-atti tan-Nutar Dott. Josef Masini Vento, il-partijiet kienu xoljew il-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnithom u iddikjaraw fost oħrajn li kien ilhom separati de facto mill-ħmistax (15) ta' Gunju 2019 (kuntratt anness u mmarkat bhala Dokument D). B'hekk ġie sodisfatt Artikolu 66B(b) tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta.

3. Illi hekk kif jitlob Artikolu 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hemm ebda prospett ta' rikončiljazzjoni bejn il-partijiet.

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu irrinunzjaw għad-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin. Filwaqt li qablu li l-esponenti għandu jivversa lill-intimata s-somma ta' Eur250 fix-xahar għal kull wild, bħala manteniment permezz ta' standing order, u l-ispejjez ta' edukazzjoni, saħħa u ta' attivita waħda extra-kurrikulari għal kull wild jinqasmu nofs bin-nofs bejn il- partijiet. Dan il-manteniment qiegħed jitħallas regolarment u l-esponenti jiddikjara li ma hemm ebda arretrati dovuti lill-intimata fir-rigward. B'hekk Artikolu 66B(d) gie sodisfatt ukoll.

5. Illi għalhekk il-kriterji imposti mill-Ligi għall ottjeniment tad-divorzju taħt Artikolu 66B huma sodisfatti. 6. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tiegħu stess fejn qiegħed jikkonferma, l-fatt suesposti personalment, immarkat bhala Dokument E.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini ta' Artikolu 66C;

2) Jordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A (4), biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Frar 2023;

Il-Qorti, semgħet lill-intimata prezenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti wieġbet li m'ghandħa l-ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Semgħet ukoll lill-intimata titlob lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirreverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` "F"; Il-Qorti tilqa' t-talba tal-intimata u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jieħu l-provvedimenti kollha sabiex l-intimata tirriverti għal kujom xbubitha u cioe "F";

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Dicembru 2020 u de facto separati mill-15 ta' Gunju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtoriżża lir-rikorrenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' "F" u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jieħu l-passi kollha meħtiega f'dan ir-rigward, qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.